

# Il-Kodiċi tal-Istatuti tal-Aġenzija Żvediża tal-Konsumatur

ISSN 0347-8041 (stampat), 2003-1068 (online)  
Pubblikatur: Patrik Sundkvist

## Il-parir ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tal-Konsumatur dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob lill- konsumaturi,

adottata f' Agħżel id-data hawnhekk.<sup>1</sup>

L-Aġenzija Żvediża tal-Konsumatur adottat il-parir ġenerali li ġej. Dan il-parir jirrigwarda d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fl-Att dwar il-Logħob tal-Azzard (2010:1622) u l-Att dwar il-Kummerċjalizzazzjoni (2008:486).

KOVF  
S 2025:  
2

Ippubblikati f'  
Agħżel id-data

### Taqsim 1. Dispożizzjonijiet introduttorji

#### 1.1 Introduzzjoni

Il-parir ġenerali jikkostitwixxi rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, li jindikaw kif xi ħadd jista' jew għandu jaġixxi f'ċertu rigward. Il-parir ġenerali għandu l-għan li jissimplifika l-interpretazzjoni u jippromwovi applikazzjoni uniformi, iżda mhux formalment vinkolanti.

Il-parir ġenerali jinkludi dak li huwa magħruf bħala memorandum ta' deċizzjoni li, fost affarijiet oħra, fih kummenti dwar il-parir.

#### 1.2 Applikazzjoni

Dan il-parir ġenerali japplika għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob lill-konsumaturi fl-Att dwar il-Logħob tal-Azzard (2018:1138), minn hawn 'il quddiem l-Att dwar il-Logħob tal-Azzard.

Il-parir japplika għal-logħob ipprovdut fl-Iżvezja, irrispettivament minn jekk il-logħba hiji ipprovduta minn pajjiż ieħor.

Il-logħob online li ma humiex diretti lejn is-suq Żvediż ma għandhomx jitqiesu li ġew ipprovduti fl-Iżvezja.

#### 1.3 Definizzjonijiet u kunċetti

*Logħob* tfisser lotteriji, imħatri, skemi ta' kombinazzjoni u skemi piramidali;

<sup>1</sup> Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li

tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi.

*logħob online* tfisser logħob li huwa pprovdut permezz tal-użu ta' mezzji elettroniċi ta' komunikazzjoni u li jintlagħbu minn plejer jew diversi plejers u l-parti li tipprovdi l-logħba;

*bonus* tfisser skont jew inċentiv finanzjarju simili li huwa marbut direttament mal-logħba;

*kummerċjalizzazzjoni* tfisser reklamar u miżuri oħra fil-kors tal-attivitajiet tan-negozju, li huwa maħsub biex jippromwovi l-bejgħ ta' u l-aċċess għall-prodotti, inklużi l-azzjonijiet, l-ommissjonijiet jew il-miżuri jew imġiba oħra ta' negozjant qabel, waqt jew wara l-bejgħ jew il-kunsinna ta' prodotti lill-konsumaturi jew lill-kummerċjanti;

*komunikazzjoni kummerċjali* tfisser, għall-fini ta' dan il-parir, kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni kummerċjali maħsuba biex tippromwovi, direttament jew indirettament, logħob ipprovdut mid-detentur tal-liċenzja.

## **Taqsim 2. Ir-rekwiżit ta' kummerċjalizzazzjoni moderata**

### **2.1 Ir-reklamar tal-logħob għandu jkun moderat**

Skont il-Kapitolu 15, l-Artikolu 1 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard, għandha tiġi osservata l-moderazzjoni meta jiġi kkummerċjalizzat il-logħob lill-konsumaturi.

#### *Parir ġenerali*

Sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura ta' kummerċjalizzazzjoni hijiex kompatibbli mar-rekwiżit ta' moderazzjoni, jeħtieġ li ssir valutazzjoni ġenerali.

Ir-rekwiżit tal-moderazzjoni japplika għall-kummerċjalizzazzjoni kollha tal-logħob li jaqgħu fl-ambitu tat-Taqsima 1.2 u jkopri kemm il-preżentazzjoni nnifisha, il-kontenut tal-kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll kif il-kummerċjalizzazzjoni tfasslet fuq il-mezz magħżul.

Il-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob f'postijiet fejn il-konsumaturi normalment ma jistennewx tali kummerċjalizzazzjoni jew fejn tali kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex isseħħ tista' fiha nnifisha titqies bħala mhux moderata, ara b'mod partikolari t-Taqsimiet 2.3 u 2.4.

### **2.2 Disinn tal-kummerċjalizzazzjoni**

#### **2.2.1 Kummerċjalizzazzjoni li hija intrużiva u li tista' tiġbed attenzjoni partikolari**

#### *Parir ġenerali*

Il-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob ma għandhiex tkun intrużiva jew maħsuba biex tattira attenzjoni partikolari. Kummerċjalizzazzjoni li tattira attenzjoni partikolari mid-disinn tagħha ma għandhiex tkun permessa.

#### *2.2.1.1 B'mod partikolari, dwar il-probabbiltà ta' rebħ*

##### *Parir ġenerali*

Il-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob ma għandhiex tkun imfassla b'tali mod li tagħti l-impressjoni li l-probabbiltajiet tar-rebħ huma akbar milli huma. Eżempji ta' tali kummerċjalizzazzjoni jistgħu jkunu pretensjonijiet li jagħtu lill-konsumatur l-impressjoni li huwa faċli li jirbaħ somom kbar ta' flus, jew pretensjonijiet li huwa possibbli li jirbaħ malajr.

Il-kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex tkun imfassla jew ippreżentata b'tali mod li tagħti l-impressjoni li l-konsumatur huwa garantit li jirbaħ, jew li fil-prinċipju huwa impossibbli li ma jirbaħx.

#### *2.2.1.2 B'mod partikolari, dwar id-disinji tekniċi u grafiċi*

##### *Parir ġenerali*

Disinji tekniċi li ma jistgħux jiġu evitati b'mod raġonevoli mill-konsumatur jitqiesu li huma: intrużivi u mhux konformi mar-rekwiżit ta' moderazzjoni. Eżempji ta' tali disinji tekniċi jistgħu jkunu pop-ups u reklami li jużaw l-iskrin kollu jew li b'xi mod jew ieħor jistgħu jitqiesu intrużivi.

Disinji tekniċi li fihom, pereżempju, elementi pulsanti u/jew li jteptu u li jattiraw attenzjoni partikolari jistgħu jitqiesu intrużivi u mhux kompatibbli mar-rekwiżit ta' moderazzjoni.

#### *2.2.1.3 B'mod partikolari dwar il-parteċipazzjoni ta' persuni magħrufa sew fil-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob*

##### *2.2.1.4 Parir ġenerali*

Meta individwi magħrufa sew u ta' suċċess jintużaw fil-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob, il-kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex tkun imfassla b'tali mod li tagħti l-impressjoni li l-logħob tal-azzard ikkontribwixxa għas-suċċess jew il-fama tal-persuna.

Il-kummerċjalizzazzjoni lanqas ma għandha tagħti l-impressjoni li l-logħob tal-azzard jista' jwassal għal tali suċċess jew ir-reputazzjoni għal ġugaturi oħra.

## **2.2.2 Kummerċjalizzazzjoni ta' inċitament**

##### *Parir ġenerali*

Il-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob ma għandhiex tinkludi messaġġi ta' inċitament li jistgħu jinkoraġġixxu jew jinfluwenzaw lill-konsumatur biex jieħu deċiżjoni mhux premeditata biex jibda jilgħab.

Il-kummerċjalizzazzjoni li, irrispettivament mill-kontenut tagħha, bħala riżultat tal-lokazzjoni, preżentazzjoni jew disinn speċifiku ieħor tagħha, tista' titqies bħala li tinċita l-logħob tal-azzard ma għandux jitqies bħala kompatibbli mar-rekwiżit ta' moderazzjoni.

### 2.2.2.1 *Kummerċjalizzazzjoni preċiża u bilanċjata*

#### *Parir ġenerali*

Il-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob għandha tkun oġġettiva u bbilanċjata f'termini ta' disinn u kontenut. Il-kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex tkun imfassla b'tali mod li l-logħba tidher ħielsa mir-riskju.

Il-kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex tinkludi asserzjonijiet li ma huwa meħtieġ l-ebda sforz biex wieħed jilgħab meta tkun meħtieġa eżekuzzjoni korrispettiva mill-konsumatur, pereżempju li l-konsumatur irid iħallas kontribuzzjoni sabiex jipparteċipa fil-logħba.

Il-kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex tagħti l-impressjoni li l-logħob tal-azzard jista' jkun is-soluzzjoni għal problemi soċjali jew ekonomiċi. Eżempji ta' tali kummerċjalizzazzjoni jistgħu jkunu dikjarazzjonijiet li jissuġġerixxu li l-logħob tal-azzard huwa alternattiva għall-impjieġ, id-dħul, jew is-soluzzjoni għal problemi soċjali bħas-solitudni jew id-dwejjaq.

### **2.3 Projbizzjoni fuq il-kummerċjalizzazzjoni mmirata lejn it-tfal u ż-żgħażaġh**

Skont il-Kapitolu 15, l-Artikolu 1, il-punt 2 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard, huwa pprojbit li l-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob tal-azzard tiġi mmirata speċifikament lejn persuni taħt l-età ta' 18-il sena.

#### *Parir ġenerali*

Il-projbizzjoni għandha tkopri, minn naħa waħda, il-kummerċjalizzazzjoni li intenzjonalment jew espliċitament hija mmirata direttament lejn it-tfal u l-adolessenti u, min-naħa l-oħra, il-kummerċjalizzazzjoni li, mid-disinn tagħha, tagħmilha probabbli li t-tfal u l-adolessenti jagħtuha attenzjoni partikolari u li b'hekk jistgħu jiġu affettwati mill-kummerċjalizzazzjoni.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura ta' kummerċjalizzazzjoni titqies li hija speċifikament immirata lejn it-tfal jew iż-żgħażaġh, jeħtieġ li titwettag valutazzjoni ġenerali. Is-simboli u l-fenomeni li jistgħu jkunu assoċjati b'mod raġonevoli ma' jew ikunu partikolarment attraenti għat-tfal u l-adolessenti għandhom jiġu evitati. L-għażliet tal-kanal tal-kummerċjalizzazzjoni, il-karattri, il-kuluri, l-immaġini, it-tqassim u l-mużika jistgħu jkunu tali fatturi li jitqiesu waqt il-valutazzjoni.

Il-kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex tiġi ppreżentata b'tali mod li tisfrutta n-nuqqas ta' esperjenza u n-nuqqas ta' għarfien tat-tfal u ż-żgħażaġh. Il-kummerċjalizzazzjoni lanqas ma għandha tiġi ppreżentata b'tali mod li tagħti l-impressjoni li l-logħob tal-azzard huwa prova ta' ħajja adulta.

#### **2.3.1 *Informazzjoni speċifika dwar il-kummerċjalizzazzjoni f'postijiet maħsuba għat-tfal u ż-żgħażaġh***

#### *Parir ġenerali*

Il-kummerċjalizzazzjoni ta' logħob f'postijiet, kemm diġitali kif ukoll fiżiċi, li huma primarjament maħsuba għat-tfal u ż-żgħażaġh mhijiex permessa. Eżempji ta' spazji diġitali jinkludu fora online, kontijiet u gruppi tal-midja soċjali, podcasts u programmi televiżivi.

Ara wkoll it-Taqsima 2.4, il-punt 2 dwar ir-reklamar fuq barra f' postijiet maħsuba speċifikament għat-tfal u ż-żgħażaġh.

### **2.3.2 Reklamar li juri t-tfal u ż-żgħażaġh**

#### *Parir ġenerali*

L-immaġnijiet tat-tfal u taż-żgħażaġh b'rabta mal-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob għandhom jidhru biss jekk l-iskop tal-immaġnijiet huwa li jiddeskrivu l-iskop mingħajr skop ta' qligħ li għalih tikkontribwixxi l-attività u li l-kummerċjalizzazzjoni tissodisfa mod ieħor ir-rekwiżit ta' moderazzjoni.

### **2.3.3 Sponsorizzazzjoni u prodotti maħsuba għat-tfal u ż-żgħażaġh**

Il-Kapitolu 15, it-Taqsima 5 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard jiddikjara li fil-każ ta' ftehimiet ta' sponsorizzazzjoni id-detentur tal-liċenzja għandu jiżgura li l-logos tiegħu u l-ismijiet tal-prodotti tal-logħob tal-azzard jew tas-servizzi tal-logħob tal-azzard ma jinstabux fuq prodotti li huma maħsuba biex jintużaw minn persuni taħt it-18-il sena.

#### *Parir ġenerali*

Il-logos tad-detenturi tal-liċenzja u l-ismijiet tal-prodotti jew tas-servizzi tal-logħob ma għandhomx jidhru f'kuntesti u laqgħat immirati speċifikament għat-tfal u ż-żgħażaġh.

## **2.4 B'mod partikolari, fuq reklamar fuq barra**

#### *Parir ġenerali*

Ir-reklamar fuq barra tal-logħob huwa ġeneralment permess, dment li jissodisfa r-rekwiżit ta' moderazzjoni. Sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-reklamar fuq barra huwiex kompatibbli mar-rekwiżit ta' moderazzjoni, jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni ġenerali.

Ir-reklamar fuq barra tal-logħob ma għandux isir f' postijiet speċifikament maħsuba għat-tfal u l-adolesxenti. Ara wkoll it-Taqsima 2.3 dwar il-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni immirati speċifikament lejn it-tfal u l-adolesxenti.

## **Taqsima 3. Reklamar dirett**

### **3.1 Projbizzjoni ta' reklamar dirett lil ġugaturi esklużi**

Skont il-Kapitolu 15, l-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard, il-kummerċjalizzazzjoni ma tistax tkun immirata direttament lejn il-konsumaturi li għażlu l-awtoesklużjoni mil-logħob tal-azzard. Fejn konsumatur ikun temm il-kont tal-logħob tal-azzard tiegħu ma' detentur ta' liċenzja, id-detentur tal-liċenzja jista' jgħaddi kummerċjalizzazzjoni direttament lill-konsumatur biss jekk il-konsumatur approvaha b'mod attiv b'rabta mat-terminazzjoni.

### *Parir ġenerali*

Il-projbizzjoni għandha tkopri kull tip ta' reklamar dirett u tapplika irrispettivament minn jekk il-konsumatur ikunx eskluda lilu nnifsu mil-logħob tal-azzard fir-reġistru tal-awtoeskluzjoni jew direttament mad-detentur tal-liċenzja.

## **Taqsim 4. Obbligu ta' għoti ta' informazzjoni**

Skont il-Kapitolu 15, it-Taqsim 3 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard, il-komunikazzjonijiet kummerċjali għal-logħob għandu jkun fihom informazzjoni ċara dwar l-età minima għal-logħob.

F'postijiet fejn iseħħ il-logħob tal-azzard, u fil-kuntest ta' komunikazzjonijiet kummerċjali li jikkonċernaw il-logħob tal-azzard — bl-eċċezzjoni ta' tali komunikazzjonijiet permezz tar-radju — id-detenturi tal-liċenzja għandhom jiżguraw li tingħata wkoll informazzjoni ta' kuntatt għall-organizzazzjoni li tipprovi informazzjoni dwar, u appoġġ għal, logħob tal-azzard problematiku.

### **4.1 Rekwiżiti ta' informazzjoni ċari**

#### *Parir ġenerali*

Fil-kuntest ta' komunikazzjonijiet kummerċjali għal-logħob, id-detentur tal-liċenzja għandu jiżgura li l-informazzjoni dwar il-limitu tal-età għal-logħba u d-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjoni ta' appoġġ tiġi ppreżentata lill-konsumatur b'mod ċar.

L-informazzjoni dwar il-limitu tal-età u d-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjoni ta' appoġġ għandhom ikunu indikati b'mod ċar fil-komunikazzjoni kummerċjali. L-informazzjoni ma għandhiex titqiegħed b'tali mod li tkun ta' riskju li titħallat fl-isfond, tinkiteb b'test diffiċli biex jinqara jew żgħir, jew tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mod ieħor li jagħmilha inqas faċli għall-konsumatur biex jaċċessaha.

#### **4.1.1 B'mod partikolari, id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjoni ta' appoġġ**

#### *Parir ġenerali*

Sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit ta' informazzjoni, ma għandux jitqies biżżejjed li sempliċiment jiġi indikat l-isem tal-organizzazzjoni ta' appoġġ. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll xi forma ta' informazzjoni ta' kuntatt addizzjonali, bħall-indirizz tas-sit web, l-indirizz elettroniku jew in-numru tat-telefon.

## **Taqsim 5. Offerti ta' bonus**

Minbarra l-parir speċifiku f'din it-Taqsim, it-Taqsimiet 2, 3 u 4 japplikaw ukoll għall-kummerċjalizzazzjoni ta' offerti ta' bonus.

It-terminu bonus huwa definit fit-Taqsim 1.3 u jsegwi d-definizzjoni tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard.

### *Parir ġenerali*

Biex jiġi ddeterminat jekk offerta tikkostitwix offerta ta' bonus fit-tifsira tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard, trid issir valutazzjoni ġenerali. Offerta tista' titqies bħala offerta ta' bonus anki jekk fil-kummerċjalizzazzjoni t-terminu "bonus" ma jkunx imsemmi b'mod espliċitu.

### **5.1 Termini u kundizzjonijiet għall-offerti kollha ta' bonus**

Skont il-Kapitolu 11, it-Taqsima 6 tal-Ordinanza dwar il-Logħob tal-Azzard (2018:1475), meta joffri bonus fil-ħin li ssir l-offerta u meta l-offerta tintuża mill-plejer, id-detentur tal-liċenzja għandu b'mod ċar u li jinftiehem, jinforma lill-plejer dwar it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-offerta.

#### **5.1.1 Tqegħid u preżentazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet kollha għall-offerti ta' bonus**

##### *Parir ġenerali*

Meta jikkummerċjalizza offerta ta' bonus, id-detentur tal-liċenzja għandu jagħti lill-konsumatur l-opportunità li jiffamiljarizza ruħu b'mod ċar mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-offerta. Jekk offerta ta' bonus tiġi kkummerċjalizzata fuq l-internet, it-termini u l-kundizzjonijiet kollha tal-offerta għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar minn klikk waħda 'l bogħod mir-reklam.

It-termini u l-kundizzjonijiet tal-offerta ta' bonus għandhom jiġu ppreżentati b'mod ċar u distint u separati mit-termini u l-kundizzjonijiet l-oħra tad-detentur tal-liċenzja. Referenza għall-paġna ewlenija tad-detentur tal-liċenzja ma għandhiex titqies bħala suffiċjenti.

#### **5.1.2 Qabel l-użu ta' offerti ta' bonus**

##### *Parir ġenerali*

Minbarra dak li huwa ddikjarat f'5.1.1 qabel ma l-offerta tintuża mill-konsumatur, id-detentur tal-liċenzja għandu jippreżenta wkoll b'mod ċar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-offerta.

L-offerta ta' bonus ma għandhiex tkun imfassla b'tali mod li l-konsumatur jitħajjar jaċċettaha mingħajr ma l-ewwel ikun qara' t-termini u l-kundizzjonijiet. Pereżempju, ma għandux ikun hemm karatteristiċi prominenti li jippermettu lill-konsumatur jaċċetta l-offerta direttament.

### **5.2 Termini u kundizzjonijiet partikolarment importanti għall-offerti ta' bonus**

##### *Parir ġenerali*

Il-kundizzjonijiet dwar ir-reqwiziti tal-fatturat, ir-reqwiziti tal-intervent u l-limiti taż-żmien għandhom jitqiesu bħala partikolarment importanti għall-konsumatur. Il-kundizzjoni li parteċipanti ġodda biss jistgħu jirċievu l-offerta, fejn applikabbli, għandha titqies ukoll bħala partikolarment importanti għall-konsumatur.



### **5.2.1 Post u preżentazzjoni ta' kundizzjonijiet partikolarment importanti għall-offerti ta' bonus**

#### *Parir ġenerali*

It-termini u l-kundizzjonijiet partikolarment importanti għandhom jiġu ppreżentati b'mod ċar fir-reklam inizjali fejn l-offerta ta' bonus tiġi kkummerċjalizzata. Il-kundizzjonijiet ma għandhomx jitqiegħdu jew jiġu ppreżentati b'tali mod li jagħmluha diffiċli għall-konsumatur li jarahom, pereżempju f'tabs moħbija.

### **Taqsim 6. B'mod partikolari, dwar ir-reġistrazzjoni**

Skont il-Kapitolu 12, it-Taqsim 1 tal-Att dwar il-Logħob tal-Azzard, detentur ta' liċenzja għandu jirreġistra lil kull min jixtieq jipparteċipa fil-logħob tal-azzard. Skont il-Kapitolu 13, it-Taqsim 1 tal-istess Att, detentur ta' liċenzja b'liċenzja għal-logħob tal-azzard online għandu jiftaħ kont tal-logħob tal-azzard għal kull plejer irreġistat.

#### **6.1 Kummerċjalizzazzjoni b'rabta mal-proċess ta' reġistrazzjoni**

##### *Parir ġenerali*

Kummerċjalizzazzjoni li fiha messaġġi persważivi u ta' tentazzjoni dwar it-tkomplija ta' reġistrazzjoni li l-konsumatur ikun għażel li jikkancelła ma għandhiex titqies kompatibbli mar-rekwiżit ta' moderazzjoni.

#### **6.2 Dikjarazzjonijiet li l-ebda reġistrazzjoni ma hija meħtieġa**

##### *Parir ġenerali*

Id-detenturi tal-liċenzja li huma soġġetti għar-rekwiżit ta' reġistrazzjoni ma jistgħux jużaw pretensjonijiet fil-kummerċjalizzazzjoni tagħhom li jistgħu jagħtu lill-konsumatur l-impressjoni li ma hemm bżonn l-ebda reġistrazzjoni jew kont ta' ġugatur biex jilgħab.

---

Dan il-parir ġenerali se jidħol fis-seħħ Jekk jogħġbok agħżel id-data hawnhekk.

CECILIA TISELL